

Brussell, 15 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9134/23

JEUN 83
EDUC 156
SOC 302
EMPL 200
SUSTDEV 72

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-eżiti tad-disa' Ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż ir-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq, approvata mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tal-15 u s-16 ta' Mejju 2023.

Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill
dwar l-eżiti tad-disa' Ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET
TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL,

WAQT LI JFAKKRU LI:

1. L-għanijiet ta' din ir-riżoluzzjoni huma li jiżguraw li l-eżiti tad-Disa' Ċiklu tad-Djalogu tal-Unjoni Ewropea maż-Żgħażaġħ (EUYD) jiġu rikonoxxuti u jingħataw segwitu mill-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej, u li jiżguraw kwalità u kontinwità fl-implimentazzjoni tal-proċess tal-EUYD u l-eżiti tiegħu. Dan id-dokument għandu l-għan ukoll li jikkontribwixxi għal aktar trasparenza fl-EUYD u li jipprovdi feedback mill-ħidma li saret fid-disa' ċiklu u ċ-ċikli preċedenti.
2. Din ir-riżoluzzjoni tibni fuq ir-Riżoluzzjoni dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027¹ u l-għanijiet Ewropej tagħha dwar iż-Żgħażaġħ, kif ukoll l-Anness I tar-Riżoluzzjoni li jistabbilixxi linji gwida dwar il-governanza tal-EUYD, u l-eżiti taċ-ċikli preċedenti tal-EUYD. L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ tappella għal involviment akbar taż-żgħażaġh fid-djalogu ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, u għall-involviment taż-żgħażaġh minn diversi sfondi u gruppi soċjali.

¹ Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill li tistabbilixxi linji gwida dwar il-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ — Strateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019–2027, ĠU C 189, 5.6.2019.

3. Id-Deċiżjoni (UE) 2021/2316 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2021 dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022) (minn hawn 'il quddiem "EYY") tenfasizza l-hteġa li ż-żgħażaġh jingħataw opportunitajiet għal futur li jkun aktar ekoloġiku, aktar diġitali u aktar inklużiv.
4. L-EUYD huwa mekkaniżmu ta' parteċipazzjoni għaż-żgħażaġh fl-UE. Dan iservi ta' forum għal riflessjoni konġunta kontinwa u għal konsultazzjonijiet dwar il-prijoritajiet, l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-kooperazzjoni fil-livell tal-UE fil-qasam taż-żgħażaġh bejn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, iż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom kif ukoll ir-riċerkaturi. Permezz tal-EUYD hija possibbli sħubija kontinwa fil-governanza ta' dawn il-proċessi fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew.
5. L-eżiti tad-disa' ċiklu tal-EUYD huma bbażati fuq it-tliet Konferenzi tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ taċ-ċiklu, fuq feedback minn konsultazzjonijiet u avvenimenti kwalitattivi nazzjonali u Ewropej mill-fażi tad-djalogu, u fuq ir-riżultati mill-fażi ta' implimentazzjoni fl-Istati Membri u fil-livell Ewropew. Dawn l-eżiti jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tal-implimentazzjoni fuq diversi livelli u trans-settorjali tal-Għan dwar iż-Żgħażaġħ #10 "Ewropa Ekoloġika Sostenibbli" u tal-Għan taż-Żgħażaġħ #3 "Soċjetajiet Inklużivi" taħt it-titolu "Naħdmu flimkien għal Ewropa sostenibbli u inklużiva".
6. Il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt qawwi ħafna ²fuq il-partiċipazzjoni taż-żgħażaġh u żiedet l-inugwaljanzi bejn il-gruppi ta' żgħażaġh. Barra minn hekk, il-gwerra ta' aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, u l-kriżi tal-enerġija konsegwenti, iż-żieda fil-migrazzjoni u l-inflazzjoni globali għandhom effetti serji fuq iż-żgħażaġh u l-komunitajiet fl-Ewropa. Il-fatt li ż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet għandhom inqas aċċess għad-drittijiet tal-bniedem u speċjalment dawk soċjali minn żgħażaġh b'aktar opportunitajiet jidher b'mod saħansitra aktar ċar matul dawn il-kriżijiet.

² Eurofound (2021), impact of COVID-19 on young people in the EU, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

7. L-istedina mit-8 ċiklu lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri hija biex
- tissaħħaħ il-memorja istituzzjonali fit-tul u l-kontinwità tal-ħidma bejn iċ-ċikli tal-EUYD;
 - tappella biex jiġu organizzati skambji u koordinazzjoni regolari mmexxija miż-żgħażaġh u appoġġati b'mod adegwat bejn it-triju ta' Presidenzi, il-Kummissjoni u l-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ, u biex id-dokumentazzjoni tal-Grupp ta' Tmexxija Ewropew issir pubblika fil-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ;
 - tipprovdi feedback kontinwu liż-żgħażaġh u lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh involuti fl-istadji kollha tal-proċess tal-EUYD biex jiġi żgurat djalogu sinifikanti u parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-livelli kollha;
 - tagħti prijorità u viżibbiltà lill-EUYD f'avvenimenti nazzjonali u fil-livell tal-UE u tippromwovi l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli kollha.
8. Is-sett ta' għodod tad-disa' ċiklu tal-EUYD ipprova mezzi għall-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali biex tinġabar informazzjoni dwar il-pjanijiet li ħolqu għaċ-ċiklu, u dwar eżempji ta' Prattika tajba li identifkaw fil-ħames oqsma ewlenin, jiġifieri:
- a) l-informazzjoni u l-edukazzjoni,
 - b) l-azzjoni u awtonomizzazzjoni,
 - c) il-governanza,
 - d) il-mobbiltà u s-solidarjetà,
 - e) l-aċċess għall-infrastruttura.

Dan il-proċess ġabar l-opinjoni taż-żgħażaġh u kkontribwixxa għall-iżvilupp ta' metodi ta' ħidma u tal-aħjar Prattiki, filwaqt li ffaċilita l-implimentazzjoni tad-disa' ċiklu tal-EUYD.

WAQT LI JIRRIKONNOXXU LI:

9. L-EUYD huwa bbażat fuq it-tmexxija u s-sjieda kondiviżja tal-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali, fejn possibbli, ikkoordinati mill-Kunsilli Nazzjonali taż-Żgħażaġħ. Dan jippermetti li għadd divers ta' żgħażaġh jipparteċipaw fid-djalogu u jgħaqqad il-partijiet ikkonċernati nazzjonali, reġjonali u lokali differenti mal-proċess.
10. Il-kontribut tal-Organizzazzjonijiet Internazzjonali taż-Żgħażaġħ Mhux Governattivi (INGYOs) huwa importanti biex iwassal firxa ta' perspettivi minn madwar l-Ewropa għad-djalogu politiku u biex jiġi żgurat kontribut ta' kwalità dwar id-dimensjoni tranżnazzjonali tal-proċess tal-EUYD.

IQISU LI:

11. Il-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali u l-INGYOs użaw varjetà ta' metodi, bħal djalogu u avvenimenti ta' diskussjoni madwar mejda (kemm online kif ukoll offline), stħarriġ fuq il-media soċjali u attivitajiet immirati ma' żgħażaġh b'inqas opportunitajiet.
12. Li ż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh jittqiegħdu fil-qalba tat-tfassil, l-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u s-segwitu taċ-ċiklu u l-attivitajiet kollha tiegħu, pereżempju billi jiġi żgurat li l-Kunsilli Nazzjonali taż-Żgħażaġħ tal-presidenza kellhom id-dritt li jikkopresiedu l-Grupp ta' Tmexxija Ewropew, kien aspett ewlieni fl-implimentazzjoni tad-Disa' Ċiklu tal-EUYD.

JINNOTAW IR-RAKKOMANDAZZJONIJIET LI ĠEJJIN TAL-KONFERENZA TAL-UE
DWAR IŻ-ŻGHAŻAGH³:

13. Rakkomandazzjoni għas-sottotema 1 dwar l-informazzjoni u l-edukazzjoni: "Aħna nitolbu li l-Istati Membri jiżguraw aċċess ugwali għal informazzjoni faċli għall-utent dwar is-sostenibbiltà u t-tibdil fil-klima permezz ta' edukazzjoni inklużiva u li thegġegħ l-awtonomija mhux formali u formali li trawwem id-djalogu u t-tagħlim interġenerazzjonali".
14. Rakkomandazzjoni għas-sottotema 2 dwar l-azzjoni u l-awtonomizzazzjoni: "Aħna nħeġġu lill-Istati Membri jiggarantixxu bordijiet konsultattivi indipendenti fuq livell lokali (eż. kunsilli taż-żgħażaġh) li jikkonsistu miż-żgħażaġh u jintgħażlu minnhom, b'enfasi intersezzjonali fuq iż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet, filwaqt li jittieħed approċċ sostenibbli".
15. Rakkomandazzjoni għas-sottotema 3 dwar il-governanza: "Aħna nirrakkomandaw l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni li tiżgura r-responsabbiltà u t-trasparenza fil-proċessi tat-tfassil tal-politika dwar l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli u l-appoġġ ta' mekkaniżmi ta' parteċipazzjoni u evalwazzjoni li jippermettu dan (eż. korpi taż-żgħażaġh, testijiet taż-żgħażaġh) fil-livell lokali, reġjonali u Ewropew".
16. Rakkomandazzjoni għas-sottotema 4 dwar il-mobbiltà u s-solidarjetà: "Aħna nħeġġu lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex joħlqu pjanijiet ta' azzjoni, immirati lejn is-settur tal-edukazzjoni formali u lejn is-suq tax-xogħol, sabiex jiġi żgurat ir-rikonoxximent formali tal-esperjenza u l-kompetenzi ewlenin miksuba permezz tal-parteeipazzjoni fil-volontarjat u l-mobbiltà għat-tagħlim".

³ Dawn huma r-rakkomandazzjonijiet ifformulati fil-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ f'Marzu 2023 fi tmiem id-Disa' ċiklu tal-EUYD. Ara wkoll l-istratti ta' appoġġ għar-rakkomandazzjonijiet 1 sa 5 fl-Anness II għall-anness.

17. Rakkomandazzjoni għas-sottotema 5 dwar l-aċċess għall-infrastruttura: "Aħna nirrakkomandaw lill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri biex jipprovdu "Youth Climate Ticket" affordabbli u aċċessibbli bħala għodda multimodali universali għat-trasport pubbliku fil-livelli reġjonali, nazzjonali u internazzjonali, u lill-Kummissjoni Ewropea biex tappoġġa lill-Istati Membri biex jipproponu modi sostenibbli ta' trasport pubbliku.

JAGĦRFU LI:

18. Il-parteciċipanti tal-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ saħqu dwar il-ħtieġa li l-aspetti kollha tal-EUYD isiru aktar inklużivi u diversi u li diversi gruppi ta' żgħażaġh isiru jafu aktar dwaru, inkluż permezz ta' strateġija ta' komunikazzjoni fit-tul, eż. permezz ta' logo komuni, promozzjoni tar-riżultati fuq skala wiesgħa u informazzjoni aċċessibbli u adattata għaż-żgħażaġh, li tmur lil hinn mid-delegati tal-konferenzi u l-parteciċipanti ewlenin fl-EUYD.
19. Il-parteciċipanti tal-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ enfasizzaw ukoll li kooperazzjoni transsettorjali effiċjenti kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE kienet importanti biex ir-riżultati tal-EUYD jinħarġu barra mill-isfera tal-politika taż-żgħażaġh biex jinħoloq impatt lil hinn mis-settur taż-żgħażaġh. Għe nnutat ukoll li l-Istati Membri u l-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali kellhom rwol ewlieni fil-monitoraġġ u l-ġhoti ta' feedback sistematiku sabiex tissaħħaħ it-trasparenza interna tal-proċess.

JILQGĦU:

20. Id-Deċiżjoni dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022)⁴, li titfa' l-attenzjoni fuq iż-żgħażaġh u r-rwol importanti tagħhom fis-soċjetà kif ukoll li tawtonomizza u terġa' tagħti l-fiduċja lill-ġenerazzjoni żagħżuġha li batiet l-aktar matul il-pandemija tal-COVID-19.
21. L-evoluzzjoni tal-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ u l-funzjoni affermata mill-ġdid tiegħu bħala punt uniku ta' servizz għall-EUYD u d-dokumenti relatati bħala kontribut biex tiġi żgurata l-memorja istituzzjonali bejn iċ-ċikli.
22. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trawwim tal-involviment fost iż-żgħażaġh bħala atturi tal-bidla sabiex jitħares l-ambjent, speċjalment l-enfasi li tpoġġiet fuq l-appoġġ għaż-żgħażaġh fl-involviment tagħhom fl-ambjent u l-azzjonijiet tagħhom fl-iżvilupp kontinwu tas-soċjetà kollha kemm hi.
23. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tad-dimensjoni interġenerazzjonali fil-qasam taż-żgħażaġh biex jitrawmu d-djalogu u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari b'enfasi fuq il-benefiċċji li jinġabru flimkien l-esperjenza u l-kompetenzi ta' ġenerazzjonijiet differenti fil-bini ta' soċjetajiet paċifiċi u koeżivi.
24. L-enfasi tat-tmien ċiklu tal-EUYD fuq l-Għan taż-Żgħażaġħ #9 "Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd" u l-proċess parteċipattiv li wassal għall-approvazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-governanza f'diversi livelli meta tiġi promossa l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-salvagwardja u l-ħolqien ta' spazji ċiviċi għaż-żgħażaġh li jiffaċilitaw parteċipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażaġh.

⁴ Deċiżjoni (UE) 2021/2316 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2021 dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022), ĠU L 462, 28.12.2021.

25. Il-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażaġh u tal-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali fid-disa' ċiklu tal-EUYD u l-inklużjoni ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh f'varjetà ta' avvenimenti li jipprovdu feedback matul iċ-ċiklu kollu u l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea taż-żgħażaġh (EYY). Barra minn hekk, jilqgħu l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-laqgħa informali tal-Ministri għall-Edukazzjoni u ż-Żgħażaġħ fi Strasburgu, fis-seminar dwar il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-Proġett Ewropew fi Strasburgu, u fil-konferenza "Nieħdu Possess tal-Futur" (Claim the Future) fi Brussell biex jinġabru fil-qosor il-kisbiet tal-EYY u biex issir riflessjoni dwar il-legat tagħha.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ U FL-ISFERI TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX:

26. Jikkunsidraw, fejn xieraq, ir-rakkomandazzjonijiet imsemmija hawn fuq fil-paragrafi 13 sa 17 meta jimplimentaw u jevalwaw ir-reazzjonijiet rilevanti fil-livell ta' politika relatati mas-sottotemi 1 sa 5 tad-disa' ċiklu tal-EUYD.
27. Jikkunsidraw l-eżiti tad-disa' ċiklu tal-EUYD, meta jimplimentaw u jevalwaw il-politiki attwali dwar iż-żgħażaġh u jfasslu politiki futuri dwar iż-żgħażaġh, f'sinerġija mal-politiki kollha li jaffettwaw liż-żgħażaġh. Jesploraw aktar modi kif jimplimentaw l-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ #10 u #3 u s-sottomiri tagħhom.
28. Jinkoraġġixxu, jirrikonoxxu u, fejn xieraq, jappoġġaw finanzjarjament azzjonijiet u programmi mibdija u mmexxija miż-żgħażaġh fl-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari dawk li jiġġieldu t-tibdil fil-klima u jżidu l-inklużjoni, sabiex ikunu jistgħu jkunu aġenti tal-bidla fis-soċjetà kollha kemm hi.

29. Isaħħu u jtejbu l-proċess tal-EUYD billi jikkunsidraw u, fejn possibbli, jimplimentaw l-aħjar prattiki tad-disa' Ċiklu tal-EUYD u l-prinċipji li ggwidaw l-implimentazzjoni tiegħu, b'mod partikolari billi jpoġġu liż-żgħażaġh u lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fil-qalba tal-proċess u jiżguraw li l-EUYD ikun proċess immexxi miż-żgħażaġh li fih iż-żgħażaġh u dawkw li jieħdu d-deċiżjonijiet ikollhom djalogu konstruttiv immirat li jsib is-soluzzjonijiet.
30. Jawtonomizzaw lill-Kunsilli Nazzjonali taż-Żgħażaġħ, fejn applikabbli, fir-rwol tagħhom bħala partijiet ikkonċernati ewlenin fil-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali biex ikunu jistgħu jikkoordinaw u jimplimentaw l-EUYD fil-livell nazzjonali.
31. Jappellaw lill-partijiet rilevanti biex jiżguraw appoġġ amministrattiv u finanzjarju stabbli, kif ukoll l-għodod meħtieġa, lill-Kunsilli Nazzjonali taż-Żgħażaġħ għall-kopresidenza tal-Grupp ta' Tmexxija Ewropew, fejn applikabbli, biex ikunu jistgħu jieħdu rwol ewlieni fl-EUYD matul il-mandat tal-presidenza tal-Istat Membru tagħhom, speċjalment permezz tal-kapitolu dwar iż-Żgħażaġħ tal-programm Erasmus+ f'konformità mal-bażi legali tiegħu u r-Regolament Finanzjarju tal-UE.
32. Jinkoraġġixxu liż-żgħażaġh, lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u lil partijiet ikkonċernati oħra fil-qasam taż-żgħażaġh biex jagħmlu aktar użu mill-possibbiltajiet ta' finanzjament offruti mill-kapitolu dwar iż-Żgħażaġħ tal-programm tal-UE Erasmus + sabiex isaħħu l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u d-djalogi taż-żgħażaġh fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali u, fejn xieraq, biex jorbtuhom aktar mill-qrib mal-proċess tal-EUYD.

33. Jirrikonoxxu l-involvement u l-kontribut tal-INGYOs fil-proċess tal-EUYD bħala atturi importanti biex jiġi żgurat li d-djalogu jkollu dimensjoni Ewropea b'saħħha u, fejn xieraq, jipprovdu prekondizzjonijiet meħtieġa għall-parteċipazzjoni attiva u l-involvement tagħhom fil-proċess tal-EUYD.
34. Ikomplu l-ħidma li saret fil-livelli kollha matul l-EYY biex tingħata prijorità u tiżdied il-viżibbiltà tal-EUYD f'avvenimenti lokali, reġjonali, nazzjonali u fil-livell tal-UE u tiġi promossa l-parteċipazzjoni inklużiva taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli kollha f'konformità mal-aħjar prattika għall-inklużjoni taż-żgħażaġh.
35. Jiżguraw li jkun hemm strateġija ta' komunikazzjoni fit-tul fil-livell Ewropew biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-EUYD favur iż-żgħażaġh u, fejn xieraq, jipprovdu lill-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali b'appoġġ addizzjonali biex itejbu l-komunikazzjoni tagħhom stess dwar l-EUYD. L-istrateġija ta' komunikazzjoni għandha preferibbilment tinħoloq taħt it-tmexxija konġunta tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, inkluż logo komuni tal-EUYD, għat-tikkettar tal-azzjonijiet kollha tal-EUYD, fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali.
36. Jieħdu miżuri xierqa biex jintegraw il-parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha, f'konformità mal-attivitajiet imwettqa matul l-EYY, biex titrawwem perspettiva taż-żgħażaġh fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha. Il-qasam ta' politika taż-żgħażaġh għandu jaġixxi bħala pont għal oqsma oħra tat-tfassil tal-politika, biex jiġi żgurat li l-ilħna tat-tfal u ż-żgħażaġh jiġu amplifikati u inklużi f'setturi oħra.

37. Jiżviluppaw aktar il-monitoraġġ u l-feedback relatati mal-eżiti tal-EUYD biex tiżdied it-trasparenza u tiġi żgurata parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġħ fil-partijiet kollha u fl-istadji kollha tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
38. Jipprovdu appoġġ kif ukoll għodod u metodi mmirati biex jilhqqu u jħejju liż-żgħażaġħ li normalment ma jipparteċipawx, inkluż żgħażaġħ b'inqas opportunitajiet, fl-EUYD. Dawn jistgħu jitfasslu skont il-ħtiġijiet ta' gruppi speċifiċi skont il-każ. L-oġjettiv ikun li jiġu pprovduti għodod ta' komunikazzjoni sempliċi biex jispjegaw l-EUYD u r-rwol tal-istituzzjonijiet Ewropej b'mod li jinftiehem faċilment miż-żgħażaġħ u jipprovdu appoġġ adegwat matul il-proċess kollu.
39. Fejn xieraq, jiżviluppaw metodi u għodod ta' implimentazzjoni fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE dwar kif tittieħed azzjoni dwar il-messaġġi u t-talbiet li joħorġu mill-EUYD u l-Konferenzi tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ, kif ukoll mill-EYY.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU
TAS-SUSSIDJARJETA', BIEX:

40. Tiżviluppa aktar il-Portal taż-Żgħażaġħ tal-UE u għodod ta' komunikazzjoni rilevanti oħra b'mod faċli għaż-żgħażaġħ sabiex tiżdied il-faċilità tal-komprensjoni u l-viżibbiltà tal-EUYD, filwaqt li tibni fuq prattiki tajbin mill-EYY u d-disa' ċiklu tal-EUYD.
41. Tinvolti aktar lill-Koordinatur tal-UE għaż-Żgħażaġħ fl-integrazzjoni tal-parteeċipazzjoni taż-żgħażaġħ fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha tal-UE f'konformità mal-legat tal-EYY u tagħti aktar viżibbiltà lill-EUYD bħala strument għall-integrazzjoni tal-parteeċipazzjoni taż-żgħażaġħ.

U JINNOTAW UKOLL LI:

42. Il-prijorità tematika ġenerali tat-Triju ta' Presidenzi li jmiss (Spanja, il-Belġju u l-Ungerija) hija "GĦANDNA BŻONN IŻ-ŻGĦAŻAGĦ".
43. L-ambizzjoni hija li l-EUYD ikompli jiġi żviluppat u msaħħa matul l-10 ċiklu filwaqt li jitqiesu r-riżultati, ir-rakkomandazzjonijiet, iċ-ċelebrazzjoni u l-evalwazzjonijiet taċ-ċikli preċedenti.

REFERENZI

- Bárta O., Moxon D. (2023). Rapport tal-Fażi ta' Implimentazzjoni tal-EUYD9. DOI: 10.5281/zenodo.7696299.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar tisħiħ tal-governanza f'diversi livelli fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet (ĠU C 241, 21.6.2021, p. 3).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar it-trawwim tal-kuxjenza demokratika u l-involviment demokratiku fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa (ĠU C 415, 1.12.2020, p. 16).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trawwim tal-involviment fost iż-żgħażaġh bħala atturi tal-bidla sabiex jitħares l-ambjent, (2022/C 159/07).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tad-dimensjoni interġenerazzjonali fil-qasam taż-żgħażaġh biex jitrawmu d-djalogu u l-koeżjoni soċjali, (2022/C 495/03).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-salvagwardja u l-ħolqien ta' spazji ċiviċi għaż-żgħażaġh li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh, (2021/C 501 I/04).

- R iżoluzzjoni tal-Kunsill dwar id-Djalogu Strutturat u l-iżvilupp futur tad-djalogu maż-żgħażaġh fil-kuntest tal-politiki għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh, wara l-2018 (ĠU C 189, 15.6.2017, p. 1).
- Eurofound (2021), Impact of COVID-19 on young people in the EU, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
- R iżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-eżiti tat-tmien ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ (2021/C 504/01).
- R iżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 (ĠU C 456, 18.12.2018, p. 1).
- R iżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-Eżiti tas-Seba' Ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ: Strateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 (OJ C 212I, 26.6.2020, p. 1).
- R iżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill li tistabbilixxi linji gwida dwar il-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ - Strateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, (ĠU C 189, 5.6.2019, p. 1).

**ASTRATTI TA' APPOĠĠ GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAS- SOTTOTEMI 1-5
TAD-DISA' ĊIKLU TAD-DJALOGU TAL-UE MAŻ-ŻĠHAŻAĠH:**

Il-fażi ta' implimentazzjoni tad-disa' ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żġhażagh (EUYD) bniet fuq il-ħames sottotemi magħżula mill-parteciġanti tal-Konferenza tal-UE dwar iż-Żġhażagh fi Strasburgu, Franza, f'Jannar 2022. L-analiżi tal-fażi ta' implimentazzjoni saret fi Frar u f'Marzu 2023, u pprovdiet informazzjoni intuittiva u konkretizzazzjoni taż-żewġ oqsma ewlenin tar-rappurtar tal-implimentazzjoni, jiġifieri l-firxa ta' attivitajiet ta' implimentazzjoni, u l-impatti identifikati bħala riżultat tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni tad-disa' Ċiklu tal-EUYD. Ir-rapport dwar il-fażi ta' implimentazzjoni ⁵serva bħala bażi għad-diskussjonijiet fil-Konferenza tal-UE dwar iż-Żġhażagh f'Växjö, l-Iżvezja, f'Marzu 2023.

Dan l-anness fih l-astratti ta' appoġġ għar-rakkomandazzjonijiet għas-sottotemi 1-5 taċ-ċiklu li ġew abbozzati mill-parteciġanti tal-Konferenza.

1. Informazzjoni u edukazzjoni

"L-għan tar-rakkomandazzjoni tagħna huwa li tiġi żgurata informazzjoni affidabbli u inklużiva dwar is-sostenibbiltà u t-tibdil fil-klima. Tali informazzjoni faċli għall-utent aċċessibbli għal persuni minn etajiet/stadji tal-ħajja differenti tgħinna niksbu Ewropa aktar ekoloġika. Jeħtieġ li nintegraw l-informazzjoni dwar dawn is-suġġetti fit-tipi kollha ta' kontenut edukattiv, kemm mhux formali kif ukoll formali. Huwa importanti li nitgħallmu flimkien u minn xulxin, filwaqt li nqisu perspettivi differenti bħal diversi kulturi u sfondi soċjoekonomiċi. Għaldaqstant, għandha titqies il-ġustizzja klimatika. Mhuwiex ġust li ż-żġhażagh jitgħabbew bil-konsegwenzi tal-politiki li ma fasslux huma stess. Jeħtieġ li jkollna l-ġenerazzjonijiet kollha involuti b'mod attiv fl-edukazzjoni dwar it-tibdil fil-klima u s-soluzzjonijiet meħtieġa.

⁵ Bárta O., Moxon D. (2023). Rapport tal-Fażi ta' Implimentazzjoni tal-EUYD9. DOI: 10.5281/zenodo.7696299.

Iż-żgħażaġh jeħtieġu l-ħiliet, l-għarfien u l-pjattaformi biex jieħdu azzjoni sinifikanti. Huwa importanti li jintuża l-potenzjal tal-edukazzjoni mhux formali u li jiġu rikonoxxuti l-benefiċċji prattiċi. Aħna nipprevedu l-implimentazzjoni permezz ta' approċċ interdixxiplinari u nagħmlu użu mill-potenzjal u l-għarfien tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u s-servizzi ta' informazzjoni għaż-żgħażaġh diġà disponibbli. Huwa meħtieġ li jiġu pprovduti riżorsi għall-edukaturi biex jirċievu t-taħriġ u l-kapaċità xierqa biex iwettqu r-rwol tagħhom. Peress li dan huwa proċess attiv, jeħtieġ li jkun proċess kontinwu ta' evalwazzjoni, monitoraġġ u titjib."

2. Azzjoni u awtonomizzazzjoni

"Kemml-darba ż-żgħażaġh jiġu injorati u esklużi mill-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jħallu impatt serju fuq il-futur tagħhom. Sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, inħeġġu t-titjib tal-mekkaniżmi lokali ta' parteċipazzjoni minn isfel għal fuq permezz tal-awtonomizzazzjoni liż-żgħażaġh, speċjalment dawk b'inqas opportunitajiet.

Għalkemm dawn [il-bordijiet konsultattivi] attwalment jeżistu f'xi pajjiżi bħall-Finlandja, l-Estonja u l-Iżvezja, nirrikonoxxu l-ħtieġa għal qafas madwar l-Ewropa kollha biex jiġu stabbiliti mudelli aktar effiċjenti għal proċessi ta' kodeċiżjoni effettivi bejn iż-żgħażaġh lokali u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet. Dan l-approċċ jeħtieġ li jittieħed b'mod sostenibbli u intersezzjonali, biex jiġu żgurati kemm il-kontinwità tal-proċessi, kif ukoll l-inklużjoni ta' żgħażaġh minn sfondi differenti u esperjenzi li huma stess ikunu għaddew minnhom. It-teħid ta' approċċ intersezzjonali jimplika li persuna tista' tkun qed tesperjenza diversi forom ta' diskriminazzjoni u marġinalizzazzjoni fl-istess ħin.

Dawn il-bordijiet għandhom jiġu ffurmati permezz ta' proċessi demokratiċi u mmexxija miż-żgħażaġh fejn iż-żgħażaġh jagħżlu r-rappreżentanti tagħhom stess. Il-proċess eżatt u l-loġistika tiegħu jistgħu jirriflettu l-kuntest lokali rispettiv. Il-membri tal-bordijiet ser jaġixxu bħala l-vuċi taż-żgħażaġh lokali qabel, wara u matul il-proċessi tat-tfassil tal-politika lokali.

Huwa kruċjali li l-Istati Membri jagħtu prijorità lill-inklużjoni u r-rappreżentanza taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Billi noħolqu bordijiet konsultattivi indipendenti fuq livell lokali u nawtonomizzaw liż-żgħażaġh, speċjalment dawk b'inqas opportunitajiet, nistgħu noħolqu futur aħjar għal kulħadd."

3. Governanza

"Il-konsultazzjonijiet tad-disa' ċiklu tal-EUYD urew nuqqas kbir ta' fiduċja fost iż-żgħażaġh lejn l-effettività tal-mekkaniżmi tat-tfassil tal-politika fir-rigward tal-politiki ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Minkejja l-aspirazzjonijiet u l-isforzi biex iż-żgħażaġh jiġu inklużi f'dawn il-proċessi tat-tfassil tal-politika, iż-żgħażaġh jirrapportaw li l-involviment tagħhom x'aktarx li ma jwassalx għal bidla politika.

L-għan ta' din ir-rakkomandazzjoni huwa li jiġi żgurat li ż-żgħażaġh jiġu inklużi matul il-proċess tat-tfassil tal-politika, li jsemmgħu leħinhom, filwaqt li timmonitorja u tipprovdi segwitu u feedback liż-żgħażaġh dwar l-azzjonijiet meħuda minn dawk li jfasslu l-politika wara attivitajiet ta' parteċipazzjoni u li tirrapporta pubblikament dwar il-bidliet miksuba jew tiġġustifika n-nuqqas ta' bidliet sal-iskadenzi mogħtija. Dan ser jgħin biex jiżdiedu t-trasparenza u r-responsabbiltà fil-livelli kollha tat-tfassil tal-politika.

Ir-rakkomandazzjoni tikkontribwixxi għall-awtonomizzazzjoni tar-rwol tal-korpi taż-żgħażaġh, inklużi l-kunsilli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej taż-żgħażaġh, it-tisħiħ tal-EUYD u l-introduzzjoni ta' għodod ta' valutazzjoni tal-impatt bħat-testijiet relatati maż-żgħażaġh. Dan jippermetti politiki mmirati aħjar li jħallu impatt, jaħdmu biex inaqqsu d-distakki fl-inugwaljanza u jappoġġaw lill-ġenerazzjonijiet attwali u futuri."

4. Mobbiltà u Solidarjetà

"Bħala parti mis-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023, ġiet enfasizzata hteġa urġenti li tiġi promossa l-mentalità ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol, li jikkontribwixxi għal tkabbir sostenibbli u jwassal għal settur tal-edukazzjoni formali mġhammar tajjeb u suq tax-xogħol kompetittiv. Għalhekk, aħna nħeġġu bil-qawwa l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh Ewropej fil-volontarjat u l-mobbiltà għat-tagħlim bħala proċess attiv ta' tagħlim għal aktar żvilupp tal-ħiliet. B'mod parallel, hemm nuqqas ta' fehim dejjem jikber mhux biss min-naħa taż-żgħażaġh, iżda minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet tal-politika, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni formali u s-suq tax-xogħol, li jipprevjeni r-rikonossiment tal-valur li dawn l-esperjenzi għandhom jew il-kompetenzi li ż-żgħażaġh Ewropej jistgħu jiżviluppaw minnhom.

Il-mobbiltà mhijiex aċċessibbli għall-maġġoranza taż-żgħażaġh minħabba nuqqas ta' informazzjoni, ostakli lingwistiċi, riżorsi finanzjarji insuffiċjenti u kompiti personali oħra. Għalhekk, hemm il-hteġa li jkun hemm informazzjoni aċċessibbli u faċli għaż-żgħażaġh, minn sors ta' fiduċja, kif ukoll kampanja ġenerali ta' sensibilizzazzjoni, biex iż-żgħażaġh kollha fl-Ewropa jagħrfu dawn l-opportunitajiet, filwaqt li jrawmu soċjetà aktar inklużiva, skont l-Għan dwar iż-Żgħażaġħ #3.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tniedi proċess li jinvolvi lill-Istati Membri biex ikun hemm konsultazzjonijiet sabiex jiġu żviluppati pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali, f'perjodu ta' żmien ta' sentejn, li jiffoka fuq li l-volontarjat u l-mobbiltajiet tat-tagħlim isiru aktar aċċessibbli għaż-żgħażaġh, b'mod partikolari dawk b'opportunitajiet limitati. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom joħolqu qafas biex jirrikonossu l-kompetenzi u l-ħiliet li wieħed ikun tgħallem matul il-volontarjat u l-mobbiltajiet tat-tagħlim fuq perjodu qasir u twil bħala parti mill-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom, filwaqt li jirrikonossu dawn l-esperjenzi bħala ta' benefiċċju għall-ħidma u l-kurrikuli tagħhom."

5. Aċċess għall-infrastruttura

"Minkejja l-iskontijiet eżistenti tat-trasport, it-trasport għadu ostaklu fil-ħajja ta' kuljum ta' ħafna żgħażaġħ minħabba differenzi reġjonali, speċjalment f'żoni rurali minħabba li dan ikun antik u/jew insuffiċjenti. It-trasport jaffettwa l-istudju, ix-xogħol, u l-ħajja ta' kuljum taż-żgħażaġħ. Id-disponibbiltà, l-affordabbiltà, u l-aċċessibbiltà universali huma kruċjali għall-avvanz tas-sistemi tat-trasport pubbliku tagħna. L-użu tat-trasport pubbliku miż-żgħażaġħ inaqas il-migrazzjoni rurali għal dik urbana. Dan jgħin biex tinżamm il-popolazzjoni rurali billi jnaqqas il-konġestjoni u jinċentiva liż-żgħażaġħ biex jibqgħu f'dawn iż-żoni, filwaqt li jippromwovi akkomodazzjoni sostenibbli kemm fiż-żoni rurali kif ukoll f'dawk urbani.

L-inizjattiva "Youth Climate Ticket" għandha l-għan li timplimenta sistema sempliċi biex tipprovdi liż-żgħażaġħ bi trasport pubbliku aċċessibbli, affordabbli u disponibbli fuq skala reġjonali, nazzjonali u internazzjonali. Nemmu f'approċċ olistiku għas-sostenibbiltà soċjali u ambjentali. Għandna l-għan ukoll li nippermettu liż-żgħażaġħ jagħżlu modi ta' vvjaġġar sostenibbli aktar ta' spiss u li l-Istati Membri jibnu infrastruttura aktar sostenibbli fit-tul u jsaħħu l-mobbiltà u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri.

L-EU Youth Climate Ticket huwa inizjattiva pilota li għandha l-għan li toħloq pjattaforma diġitali unika fuq tliet livelli differenti: reġjonali, nazzjonali u internazzjonali. L-ewwel tnejn ikunu fakultattivi, appoġġati mill-Kummissjoni Ewropea biss fl-Istati Membri li jkunu jixtiequ. Il-livell internazzjonali jkun soġġett għall-armonizzazzjoni tal-UE. Il-pjattaforma ser ikollha l-funzjoni li tadatta għall-prezzijiet nazzjonali u ser isservi bħala forum biex jintwerew l-aħjar prattiki. Fir-rigward tat-trasport pubbliku sostenibbli, irridu li ż-żgħażaġħ jirnexxu u mhux biss jissoppravivu."